MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1216/2010

**Rianne Attard (K.I. 559991M)**
**Vs**
**Kenneth (KI. 153474M) u**
**martu Frances Xaveria Borg (K.I. 294474M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attrici talbet hlas ta' disa' mitt ewro (€900) rapprezentanti is-somma mhallsa lil konvenuti mill-attrici in konnessjoni ma' weghda ta' bejgh u xiri, tal-4 ta' Gunju, 2009, redatt minn Nutar Dr Nicholete Vella ta' garaxx gewwa s-Swieqi, liema bejgh ma sehhx peress illi nonstante li l-konvenuti gew intepellati diversi drabi sabiex id-dejn dovut jigi mhallas, l-istess konvenuti baqghu iandempjenti.

Bl-ispejjez tal-ittra bonarja mibghuta fis-26 ta' Mejju, 2010 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li fis-seduta tat-23 ta; Novemrbu, 2010 l-attrici pprezentat nota ta' cessjoni fuq il-mertu izda zammet ferm l-kap ta' l-ispejjez.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx ir-risposta ghalkemm debitament notifikati u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuti fit-23 ta' Novembru, 2010 minn Robert Thake u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal ra n-nota ta' cessjoni u ra li l-konvenuti msejhin tlett darbiet regghu ma dehrux.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-kap ta' l-ispejjez ghandu jithallas mill-konvenuti.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici dwar il-kap ta' l-ispejjez, bl-interessi, mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez sopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------